C/2026/1006

23.2.2026

Rapport Finali tal-Uffiċjal tas-Seduta [1]

Każ AT.40840 – Gucci

(C/2026/1006)

(1) L-abbozz ta' deċiżjoni indirizzat lil Guccio Gucci S.p.A. u l-kumpanija omm tagħha Kering S.A. (imsemmija b'mod konġunt bħala "Gucci" f'dan ir-rapport) huwa relatat ma' ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 101 tat-TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE fis-settur tal-moda tal-lussu, permezz ta' (a) l-implimentazzjoni ta' strateġija ta' żamma tal-prezzijiet tal-bejgħ mill-ġdid mal-kumpanija kollha fir-rigward ta' bejjiegħa bl-imnut indipendenti online u offline, fil-perjodu mit-30 ta' April 2015 sat-18 ta' April 2023 u (b) l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq il-bejgħ online li jikkonċernaw il-handbag hekk imsejjaħ "Diana" fuq il-bejjiegħa bl-imnut, fil-perjodu mit-8 ta' Lulju 2021 sal-31 ta' Diċembru 2021.

(2) Permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Lulju 2024, il-Kummissjoni bdiet proċedimenti skont l-Artikolu 11(6) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 u l-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 773/2004[2] ([2]) fil-każ attwali.

(3) Fi [...], wara diversi ċikli ta' skambji mad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni tal-Kummissjoni, Gucci ressqet talba formali għal riżolviment skont il-proċedura ta' kooperazzjoni (is-"Sottomissjoni"). Is-Sottomissjoni kienet tinkludi:

— rikonoxximent, f'termini ċari u inekwivokabbli, tar-responsabbiltà in solidum ta' Guccio Gucci S.p.A. u Kering S.A. għall-ksur deskritt fis-Sottomissjoni,

— indikazzjoni tal-multa massima li Gucci kienet lesta taċċetta fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni;

— dikjarazzjoni li Gucci ġiet infurmata biżżejjed dwar l-oġġezzjonijiet li l-Kummissjoni pprevediet li se tqajjem kontriha u li kienet ingħatat opportunità biżżejjed biex tesprimi l-fehmiet tagħha lill-Kummissjoni waqt id-diskussjonijiet preċedenti,

— dikjarazzjoni li Gucci kellha aċċess għall-provi li jsostnu l-oġġezzjonijiet u opportunità sufiċjenti li jkollha aċċess għal kwalunkwe dokument ieħor fil-fajl tal-Kummissjoni, u li ma kenitx qed tipprevedi li titlob aċċess ulterjuri għad-dokumenti fil-fajl jew li terġa' tinstema' fil-forma ta' seduta orali, ħlief jekk il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni stabbiliti fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet li jmiss ma jirriflettux il-kontenut tas-Sottomissjoni, u

— l-qbil ta' Gucci li tirċievi d-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet u d-deċiżjoni finali skont l-Artikoli 7 u 23 tar-Regolament Nru 1/2003 bl-Ingliż.

(4) Fit-3 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni adottat dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet indirizzata lil Gucci. Gucci wieġbet fil-15 ta' Lulju 2025, fejn ikkonfermat li d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet tikkorrispondi għall-kontenut tas-sottomissjoni tagħha u tenniet l-impenn tagħha li ssegwi l-proċedura ta' kooperazzjoni.

(5) Il-ksur ikkonstatat u l-multa imposta fl-abbozz ta' deċiżjoni jikkorrispondu għal dawk rikonoxxuti u aċċettati fis-Sottomissjoni. L-ammont tal-multa jitnaqqas minħabba li Gucci kkooperat mal-Kummissjoni b'diversi modi.

(6) Gucci ma indirizzatli l-ebda lment jew talba fir-rigward ta' dawn il-proċeduri.

([1]) Skont l-Artikoli 16 tad-Deċiżjoni 2011/695/UE tal-President tal-Kummissjoni Ewropea tat-13 ta' Ottubru 2011 dwar il-funzjoni u t-termini ta' referenza tal-uffiċjal tas-seduta f'ċerti proċeduri dwar il-kompetizzjoni (ĠU L 275, 20.10.2011, p. 29).

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) numru 773/2004 tas-7 ta' April 2004 dwar it-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 81 sa 82 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 123, 27.4.2004, p. 18).

(7) Skont l-Artikolu 16 tad-Deċiżjoni 2011/695/UE, jiena eżaminajt jekk l-abbozz ta' deċiżjoni jittrattax biss l-oġġezzjonijiet li fir-rigward tagħhom Gucci ngħatat l-opportunità li tesprimi l-fehmiet tagħha. Nikkonkludi li hekk hu.

(8) Fid-dawl ta' dan hawn fuq, nikkonsidra li t-tħaddim effettiv tad-drittijiet proċedurali, f'dan il-każ, ġie rrispettat.

Brussell, 13 ta' Ottubru 2025

Dorothe DALHEIMER
Uffiċjal tas-Seduta